EBA/GL/2019/01

17 ta' Jannar 2019

# Linji Gwida

# dwar l-ispeċifikazzjoni tat-tipi ta' skoperturi li għandhom jiġu assoċjati ma' riskju għoli

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rappurtar

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 [1]. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-linji gwida.

2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar il-prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rappurtar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 15.05.2019. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika qabel din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA tintbagħat fuq compliance@eba.europa.eu bir-referenza "EBA/GL/2019/01". In-notifiki għandhom jintbagħtu minn persuni b'awtorità xierqa li jirrappurtaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.

4. In-notifiki jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-ABE, f'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

# 2. Suġġett, ambitu u definizzjonijiet

## Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw liema tipi ta' skoperturi, għajr għal dawk imsemmija fl-Artikolu 128(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għandhom jiġu assoċjati ma' riskju partikolarment għoli u f'liema ċirkostanzi, skont il-mandat tal-Artikolu 128(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

6. Barra minn hekk, fuq l-inizjattiva tal-EBA stess, dawn il-linji gwida jispeċifikaw, għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida biss, definizzjonijiet għall-kunċetti ta' "kapital ta' riskju" u ta' "ekwità privata", kif imsemmi fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 128(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

## Kamp ta' applikazzjoni

7. Dawn il-linji gwida jikkjarifikaw il-kunċetti ta' investimenti f'ditti ta' kapital ta' riskju u ta' investimenti f'ekwità privata kif imsemmija fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 128(2) tas-CRR. Il-linji gwida jispeċifikaw ukoll liema tipi ta' skoperturi, għajr għal dawk imsemmija fl-Artikolu 128(2) tas-CRR, għandhom jiġu assoċjati ma' riskju partikolarment għoli u f'liema ċirkostanzi, f'konformità mal-mandat fl-Artikolu 128(3) tas-CRR.

## Destinatarji

8. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fil-punt (i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u lill-istituzzjonijiet kif definiti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1093/2010.

## Definizzjonijiet

9. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom l-istess tifsira fil-linji gwida.

# 3. Implimentazzjoni

## Data ta' applikazzjoni

10. Dawn il-linji gwida japplikaw mill-01.07.2019.

# 4. Linji Gwida tal-EBA dwar l-ispeċifikazzjoni tat-tipi ta' skoperturi li għandhom jiġu assoċjati ma' riskju għoli

## 4.1. Investimenti f'ditti ta' kapital ta' riskju u/jew f'ekwità privata

1. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu li l-investimenti f'ditti ta' kapital ta' riskju msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 128(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jinkludu, bħala minimu, kwalunkwe investiment li jissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) l-investiment huwa wieħed mit-tipi ta' investimenti li ġejjin:

      (i) skoperturi mhux ta' dejn li ma jkunux elenkati f'Borża li jittrasferixxu pretensjoni subordinata, residwa fuq l-assi jew id-dħul ta' intrapriża li ma tkunx elenkata f'Borża;

      (ii) skoperturi ta' dejn u titoli, sħubiji, derivattivi oħra jew veikoli oħra, li s-sustanza ekonomika tagħhom tkun simili għall-iskoperturi speċifikati fil-punt (i) u li ma jkunux elenkati f'Borża;

   (b) l-investiment jinżamm bl-objettiv li jipprovdi finanzjament lil intrapriżi li jkunu għadhom kif ġew stabbiliti, inkluż għall-iżvilupp ta' prodott ġdid u riċerka relatata għall-intrapriża sabiex dan il-prodott jitqiegħed fis-suq, għall-iżvilupp tal-kapaċità tal-produzzjoni tal-intrapriża jew għall-espansjoni tan-negozju tal-intrapriża.

2. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu li l-investimenti f'ekwità privata msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 128(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jinkludu, bħala minimu, kwalunkwe investiment li jissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) l-investiment huwa wieħed mit-tipi ta' investimenti li ġejjin:

      (i) l-iskoperturi kollha mhux ta' dejn li ma jkunux elenkati f'Borża u li jittrasferixxu pretensjoni subordinata, residwa fuq l-assi jew id-dħul ta' intrapriża;

      (ii) skoperturi ta' dejn u titoli, sħubiji, derivattivi oħra jew veikoli oħra, li s-sustanza ekonomika tagħhom tkun simili għall-iskoperturi speċifikati fil-punt (i) u li ma jkunux elenkati f'Borża;

   (b) l-investiment jinżamm bil-ħsieb li jiġġenera profitt permezz ta' akkwiżizzjoni maġġoritarja ingranata, offerta inizjali lill-pubbliku, il-bejgħ tas-sehem tal-ekwità b'mezzi oħra jew kwalunkwe tranżazzjoni b'sustanza ekonomika simili.

Kwalunkwe investiment li fih l-istituzzjoni jkollha l-ħsieb li tiżviluppa relazzjoni ta' negozju strateġika mal-intrapriża li tkun investiet fiha m'għandux jitqies bħala ekwità privata għall-finijiet ta' dawn il-linji

gwida. Madankollu, tali investimenti xorta jistgħu jikkostitwixxu skoperturi b'riskju għoli skont it-taqsima 4.2 ta' dawn il-linji gwida.

## 4.2. Tipi oħra ta' skoperturi li għandhom jitqiesu bħala skoperturi b'riskju għoli

3. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżerċizzju li jiġu identifikati elementi b'riskju partikolarment għoli li mhumiex diġà koperti mill-Artikolu 128(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandu jkopri l-klassijiet tal-iskoperturi kollha, b'enfasi partikolari fuq il-klassijiet tal-iskoperturi msemmija fil-punti (g), (p) u (q) tal-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

4. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu bħala elementi assoċjati ma' riskju partikolarment għoli, minn fost dawk imsemmija fil-paragrafu 3, bħala minimu, dawk l-iskoperturi li juru livelli u firxiet ta' motivaturi tar-riskju li mhumiex komuni għal debituri jew tranżazzjonijiet oħra tal-istess klassi ta' skoperturi.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu, bħala minimu, l-iskoperturi kollha li ġejjin li juru livelli u firxiet ta' motivaturi tar-riskju li mhumiex komuni għal debituri jew tranżazzjonijiet oħra tal-istess klassi ta' skoperturi:

   (a) kwalunkwe finanzjament ta' investimenti spekulattivi kemm fl-assi finanzjarji kif ukoll f'dawk mhux finanzjarji li mhumiex proprjetà immobbli, li fih id-debitur ikollu l-ħsieb li jerġa' jbigħ l-assi għall-profitt, inkluż il-finanzjament ta' investimenti spekulattivi fi proprjetà mobbli, prodotti agrikoli jew assi intanġibbli (bħal liċenzji jew privattivi) fejn jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

      (i) ikun hemm riskju partikolarment għoli ta' telf fil-każijiet tal-inadempjenza tad-debitur, b'mod partikolari fil-każ ta' likwidità fis-suq insuffiċjenti jew volatilità għolja fil-prezzijiet għall-oġġett iffinanzjat li jkun għadu ma ġiex mitigat b'mod suffiċjenti b'arranġamenti kuntrattwali, inklużi kuntratti ta' qabel il-bejgħ irrevokabbli;

      (ii) ma jkunx hemm biżżejjed dħul u assi oħra tad-debitur disponibbli biex jitnaqqas ir-riskju ta' telf għall-istituzzjoni ta' finanzjament, b'mod partikolari fil-każijiet fejn ir-riskju ta' telf ikun għoli fir-rigward tar-riżorsi finanzjarji tad-debitur;

   (b) kwalunkwe skopertura li għaliha ma tkunx disponibbli klassifikazzjoni esterna speċifika għall-ħruġ, li hija għal entità maħluqa speċifikament biex tiffinanzja jew topera assi fiżiċi li mhumiex proprjetà immobbli, jew hija skopertura ekonomikament komparabbli, b'arranġamenti kuntrattwali li jagħtu lill-mutwanti grad sostanzjali ta' kontroll fuq l-assi u d-dħul li dawn jiġġeneraw u li għaliha s-sors primarju tar-ripagament tal-obbligu huwa d-dħul iġġenerat mill-assi li jkunu qed jiġu ffinanzjati, pjuttost milli l-kapaċità indipendenti ta' intrapriża kummerċjali usa', li fiha tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

      (i) fl-analiżi tagħha, l-istituzzjoni tkun identifikat riskju għoli ta' telf li jirriżulta minn xi waħda minn dawn li ġejjin:

- nuqqasijiet sinifikanti fis-saħħa finanzjarja tal-veikolu bi skop speċjali korrispondenti;
- inċertezza sinifikanti relatata mal-ambjent politiku u legali tal-post tal-proġett, jekk rilevanti;
- il-karatteristiċi tat-tranżazzjoni jew tal-assi;
- saħħa mnaqqsa tal-isponsor jew tal-iżviluppatur;

(ii) l-istituzzjoni tkun identifikat riskju għoli ta' telf għal skopertura relatata ma' finanzjament ta' proġetti fil-forma ta' proġett wieħed fil-fażi preoperazzjonali tiegħu meta din ikun għad ma jkollhiex fluss tal-flus pożittiv li jkun biżżejjed biex ikopri kwalunkwe obbligu kuntrattwali li jkun għad baqa' u d-dejn fit-tul li jkun qed jonqos, u meta l-flussi tal-flus tagħha jservu kemm bħala sigurtà kif ukoll bħala sors ta' ripagament li l-istituzzjoni tqis li mhuwa tal-ebda kwalità għolja, peress li jneħħilha l-kapaċità li tissodisfa l-impenji finanzjarji tagħha fil-ħin.

6. Għandu jitqies jekk l-iskoperturi kollha ta' ekwità lil emittent partikolari humiex ikklassifikati bħala elementi assoċjati ma' riskju partikolarment għoli fejn tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-piż tar-riskju għal kwalunkwe skopertura ta' dejn tal-istituzzjoni għall-istess emittent ikun 150 %;

(b) kwalunkwe dejn ta' tali emittent jirċievi piż tar-riskju ta' 150 % jekk dawn l-obbligi tad-dejn kienu skoperturi tal-istituzzjoni minħabba waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(i) il-klassifikazzjoni tal-kreditu assoċjata ta' istituzzjoni esterna tal-valutazzjoni tal-kreditu (ECAI) nominata mill-istituzzjoni għall-obbligu tad-dejn korrispondenti tawtorizza piż tar-riskju ta' 150 %;

(ii) l-emittent ikun inadempjenti skont l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

## 4.3. Rekwiżiti ta' notifika

7. Meta l-istituzzjonijiet jidentifikaw kwalunkwe tip ta' skopertura li ġġorr riskju ta' telf partikolarment għoli skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 128(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għajr għal dawk identifikati skont il-paragrafi 5 jew 6, l-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti fil-ġurisdizzjoni tagħhom, flimkien ma' deskrizzjoni qasira tal-karatteristiċi ewlenin ta' dawn l-iskoperturi. Min-naħa tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA.

# Dokumenti ta' appoġġ

## Analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji/valutazzjoni tal-impatt

Din il-valutazzjoni tal-impatt tipprovdi analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji relatati potenzjali tal-politika pprovduta f'dawn il-linji gwida. Din l-analiżi tipprovdi lill-qarrej ħarsa ġenerali lejn is-sejbiet fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-problema, l-opzjonijiet identifikati biex tiġi indirizzata l-problema u l-impatti potenzjali ta' dawn l-opzjonijiet.

L-analiżi li ġejja tikkonsisti fi tliet partijiet. L-ewwel parti tipprovdi analiżi tax-xenarju bażi fir-rigward tal-prattiki attwali tal-istituzzjonijiet, ir-regoli u l-prattiki superviżorji, u l-ambjent regolatorju. It-tieni parti tinkludi l-opzjonijiet meqjusa fir-rigward tad-deċiżjonijiet ta' politika ewlenin inklużi fid-Dokument ta' Diskussjoni. Fl-aħħar, l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji hija bbażata fuq it-tibdiliet tal-politika ewlenin meta mqabbla mar-regoli u l-prattiki superviżorji attwali, il-prattiki attwali tal-istituzzjonijiet u l-ambjent regolatorju.

### A. Identifikazzjoni tal-problema

Il-kwistjoni indirizzata mil-linji gwida hija n-nuqqas ta' prattiki istituzzjonali u superviżorji komuni fir-rigward tat-tipi ta' skoperturi li huma assoċjati ma' riskju partikolarment għoli u f'liema ċirkostanzi. Bħala riżultat tal-identifikazzjoni ta' skopertura li ġġorr riskju partikolarment għoli bl-applikazzjoni tal-Artikolu 128(3) tas-CRR, tali skopertura tirċievi piż tar-riskju ta' 150 %. Il-kwistjonijiet kollha li tqiesu matul l-iżvilupp ta' dawn il-linji gwida għandhom l-għan li jarmonizzaw ir-regoli għall-identifikazzjoni ta' skoperturi li għandhom jiġu assoċjati ma' riskju partikolarment għoli.

### B. Objettivi ta' politika

L-objettiv tal-linji gwida huwa li jistabbilixxu l-konverġenza tal-valutazzjoni tal-istituzzjonijiet fir-rigward ta' jekk skopertura tikkostitwixxix riskju partikolarment għoli fis-sens tal-Artikolu 128(3) tas-CRR. Il-prattiki diverġenti tal-istituzzjonijiet u tas-superviżuri fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tat-tipi ta' skoperturi li għandhom jitqiesu bħala riskju partikolarment għoli jistgħu jwasslu għal kundizzjonijiet mhux ekwivalenti ta' kompetizzjoni fost l-istituzzjonijiet, kif ukoll għal varjabbiltà mhux iġġustifikata ta' assi mwieżna għar-riskju (RWAs) fl-SA. L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet huma mistennija li jtejbu l-komparabbiltà tar-rekwiżiti ta' fondi proprji.

Il-linji gwida għandhom l-għan li jispeċifikaw it-tipi ta' skoperturi li għandhom jiġu assoċjati ma' riskju partikolarment għoli, billi:

- jipprovdu kjarifika dwar il-kunċetti ta' investimenti f'kapital ta' riskju u ta' investimenti f'ekwità privata kif imsemmija fl-Artikolu 128(2)(a) u (c) tas-CRR;
- jipprovdu approċċ ġenerali għall-identifikazzjoni tal-iskoperturi li għandhom jiġu assoċjati ma' riskju partikolarment għoli;

- jispeċifikaw eżempji tat-tipi ta' skoperturi li għandhom jitqiesu bħala skoperturi li għandhom jiġu assoċjati ma' riskju partikolarment għoli;
- jintroduċu skema ta' notifika għal kwalunkwe skopertura oħra b'riskju għoli li tiġi assenjata piż tar-riskju ta' 150 % bl-applikazzjoni tal-Artikolu 128(3) tas-CRR u li ma tkunx koperta minn kwalunkwe rekwiżit ieħor f'dawn il-linji gwida.

### C. Xenarju bażi

Ix-xenarju bażi jista' jiġi ddefinit fir-rigward tar-regoli u l-prattiki superviżorji, il-prattiki attwali tal-istituzzjonijiet u l-ambjent regolatorju.

Ix-xenarju bażi fir-rigward tal-aspettattivi superviżorji huwa speċifikat abbażi tal-informazzjoni skambjata bejn l-awtoritajiet kompetenti li ħadu sehem fil-gruppi ta' ħidma rilevanti. Abbażi ta' dan l-iskambju, jista' jitqies li l-investimenti spekulattivi, kif ukoll is-self speċjalizzat ta' kwalità baxxa, diġà jitqiesu f'xi ġurisdizzjonijiet tal-UE għall-fini li jiġu identifikati skoperturi assoċjati ma' riskju partikolarment għoli.

Huwa preżunt li x-xenarju bażi fir-rigward tal-prattiki attwali tal-istituzzjonijiet jista' jitqabbel max-xenarju bażi superviżorju.

Ix-xenarju bażi fir-rigward tal-ambjent regolatorju huwa stabbilit mis-CRR attwali u għalhekk ma jipprovdi l-ebda punt ta' tluq għall-valutazzjoni tal-impatt, peress li attwalment m'hemm l-ebda tip speċifiku ta' skopertura stabbilit fl-Artikolu 128(3) tas-CRR.

### D. Opzjonijiet meqjusa

#### Il-kamp ta' applikazzjoni tal-linji gwida dwar l-identifikazzjoni tal-iskoperturi assoċjati ma' riskju għoli

Ġiet diskussa l-esklużjoni ta' diversi klassijiet ta' skoperturi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida. B'mod partikolari, ġie propost li l-iskoperturi għall-gvernijiet ċentrali jew għall-banek ċentrali, l-iskoperturi għall-gvernijiet reġjonali u għall-awtoritajiet lokali u l-iskoperturi għall-entitajiet tas-settur pubbliku jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-linji gwida bir-raġunament li tali skoperturi mhumiex mistennija li jiġu esposti għal riskju għoli ta' telf. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jiġi nnutat li l-Artikolu 128(3) tas-CRR ma jistax jiġi limitat għal ċerti klassijiet ta' skoperturi u li għalhekk dan l-Artikolu japplika wkoll għall-klassijiet ta' skoperturi deskritti hawn fuq. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi nnutat li fil-prattika, huwa improbabbli ħafna li kwalunkwe skopertura li tirriżulta minn dawn il-klassijiet ta' skoperturi se taqa' taħt it-tipi ta' skoperturi deskritti fil-paragrafi 3, 4, 5 jew 6 ta' dawn il-linji gwida.

Barra minn hekk, ġie propost li "l-iskoperturi għal banek multilaterali tal-iżvilupp", skont l-Artikolu 117(2) tas-CRR, jiġu eżentati mil-linji gwida, peress li dawn għandhom piż tar-riskju ta' 0 %. Għal dawn l-iskoperturi, il-valutazzjoni għall-finijiet ta' riskju għoli tikkontradixxi n-natura intrinsika tal-banek multilaterali tal-iżvilupp, li jinħolqu għal proġetti ta' żvilupp ekonomiku u soċjali u għandhom

sħubija sovrana wiesgħa. Madankollu, kif ġie rrimarkat fil-paragrafu preċedenti, il-linji gwida ma jistgħux jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni ġenerali tal-Artikolu 128(3) tas-CRR.

Fl-aħħar, tqieset l-esklużjoni tal-SMEs mill-kamp ta' applikazzjoni tal-linji gwida. F'dan ir-rigward, tqies li l-valutazzjoni tagħhom għall-finijiet ta' riskju għoli tista' taffettwa b'mod negattiv il-finanzjament tal-SMEs, li jaqdu rwol fundamentali biex joħolqu t-tkabbir ekonomiku u jipprovdu l-impjiegi fis-suq tal-Unjoni (ara l-premessa 44 tas-CRR). Dan l-argument ġie żviluppat fit-taqsima "Kuntest u raġuni fundamentali" tad-Dokument ta' Diskussjoni. Madankollu, l-Artikolu 128(3) tas-CRR japplika għall-SMEs permezz tas-CRR u l-linji gwida ma jistgħux inaqqsu l-kamp ta' applikazzjoni ġenerali ta' dak l-Artikolu kif ġie indikat hawn fuq. Madankollu, għandu jiġi nnutat li, huwa improbabbli ħafna li l-iskoperturi tal-SMEs se jaqgħu taħt it-tipi ta' skoperturi miġbura fil-paragrafi 4 u 5 u għalhekk ġie ppreferut li l-SMEs jinżammu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni, peress li nkella l-valutazzjoni tagħhom għall-fini tal-Artikolu 128(3) tista' ma tkunx armonizzata biżżejjed.

### Aspetti ta' governanza

Tqies il-fatt li fil-linji gwida jiġu inklużi aspetti ta' governanza li jkunu jirrikjedu lill-istituzzjonijiet jistabbilixxu politiki interni, eż. l-aptit għar-riskju tagħhom fir-rigward ta' skoperturi b'riskju għoli, kif dawn jivvalutaw l-iskoperturi b'riskju għoli għal negozji li jkunu għadhom kif ġew akkwistati kif ukoll għall-iskoperturi li jkunu diġà fl-istokk, u xi aspetti ta' governanza oħra. Madankollu, għall-fini tal-konformità tal-linji gwida mal-mandat stabbilit fl-Artikolu 128(3) tas-CRR, dawn il-kunsiderazzjonijiet ma ġewx segwiti.

### Lista ta' kriterji

Barra minn hekk, tqieset l-introduzzjoni ta' lista ta' kriterji aktar iddettaljati u oġġettivi għall-valutazzjoni ta' jekk skoperturi/tranżazzjonijiet uniċi humiex soġġetti għal riskju għoli ta' telf. Dan ikun jirrikjedi li l-istituzzjonijiet jidentifikaw tipi rilevanti addizzjonali ta' skoperturi, li mhumiex koperti diġà mill-Artikolu 128(2) tas-CRR jew minn kwalunkwe parti tal-linji gwida. Kriterji aktar iddettaljati u oġġettivi bħal dawn jirrikjedu lill-istituzzjonijiet jidentifikaw skoperturi li jxekklu l-livelli u l-firxiet ta' motivaturi tar-riskju li mhumiex komuni għal debituri jew tranżazzjonijiet oħra fi klassi ta' skoperturi meqjusa billi jqisu:

(a) skattaturi bbażati fuq il-valutazzjoni ta' kreditu tal-istituzzjoni stess li tindika riżorsi finanzjarji insuffiċjenti ta' debitur biex iħallas lura d-dejn;

(b) is-sinifikat tal-ammont tal-iskopertura, il-porzjon tal-parti jew tal-livell mhux iggarantiti ta' bejn is-self u l-valur (LTV) li jwasslu għal riskju għoli ta' telf;

(c) il-klassifikazzjoni/il-kwalità tal-kreditu intern jew estern li tesprimi livell għoli ta' riskju jew aspetti oħra, li jwasslu għal riskju għoli ta' telf.

Madankollu, dawn il-kunsiderazzjonijiet ġew injorati għar-raġunijiet li ġejjin:

- Kieku kellha tiġi pprovduta tali lista, kien jitqies meħtieġ li jiġu ddefiniti limiti għall-iskattaturi individwali, inkella l-assenjament ta' skopertura fi klassi ta' skoperturi b'riskju għoli jkun

speċifiku għall-banek, li jmur kontra l-kunċett tal-SA. Ġie previst li l-kalibrazzjoni ta' tali limiti tkun diffiċli ħafna.

- Tqies li l-istituzzjonijiet tal-SA jaf m'għandhomx l-informazzjoni meħtieġa għad-dispożizzjoni tagħhom. Barra minn hekk, l-iskattaturi proposti jkollhom jiġu ddefiniti b'livell għoli ta' dettall, li jkun diffiċli għall-banek SA biex jivvalutawhom fil-prattika (eż. LTV fir-rigward tal-valur tas-suq attwali jew oriġinali, kif għandu jiġi ddefinit il-valur tas-suq).

# Fehmiet tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati (BSG)

Il-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati (BSG) jilqa' l-opportunità li jikkontribwixxi għall-konsultazzjoni dwar "Il-Linji Gwida tal-EBA dwar l-iskoperturi li għandhom jiġu assoċjati ma' riskju għoli".

Huwa importanti li jiġi nnutat li attwalment, il-klassi ta' skoperturi b'riskju għoli qed tiġi analizzata fil-kuntest tan-negozjati tat-trilogu tas-CRR2, li jista' jibdel b'mod sinifikanti l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 128. Dan se jkun ukoll il-każ fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-qafas (ta' finalizzazzjoni) il-ġdid ta' Basel III.

Għalhekk, dawn il-linji gwida jirrappreżentaw miżuri tranżitorji ħafna biex jiġu mmodifikati l-RWAs. L-introduzzjoni ta' proċess ta' notifika skont il-paragrafu 6 iżżid biss piż regolatorju ta' valur miżjud baxx tul perjodu ta' żmien qasir, fiż-żmien meta l-banek jimplimentaw is-CRR2 u mbagħad jiffinalizzaw Basel III.

Barra minn hekk, jidher li huwa utli li d-definizzjonijiet jiġu allinjati ma' dawk tal-SA għar-riskju ta' kreditu ta' Basel III, u b'mod partikolari ma' dawk l-iskoperturi spekulattivi li mhumiex elenkati u dejn, kapital u ekwità oħra subordinati.

Barra minn hekk, aħna nirrakomandaw li l-investimenti kollha li għalihom bank ikun beħsiebu jiżviluppa relazzjoni ta' negozju strateġika mal-kumpanija inkwistjoni ma jitqisux bħala kapital privat għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida.

Barra minn dan, il-kriterju ta' esponiment għoli m'għandux japplika għall-każijiet ta' żvilupp fil-proprjetà immobbli li fihom il-wegħdiet futuri tal-bejgħ huma bbażati fuq impenji irrevokabbli.

L-aħħar iżda mhux l-inqas, il-BSG jirrikonoxxi l-isforzi tal-EBA biex twettaq reviżjoni bir-reqqa tal-RWAs u speċjalment tal-metodu tal-IR. Minkejja dan, id-definizzjoni attwali tas-CRR fir-rigward tal-proprjetà immobbli spekulattiva teħtieġ analiżi ulterjuri. L-approċċ Ewropew huwa wiesa' ħafna, peress li jirrikjedi li kważi l-finanzjament kollu tal-proprjetà immobbli jitqies bħala riskju għoli. Hija meħtieġa xi ftit aktar gwida biex issir distinzjoni bejn il-proġetti spekulattivi u dawk mhux spekulattivi.

# Feedback dwar il-konsultazzjoni pubblika u dwar l-opinjoni tal-BSG

L-EBA kkonsultat pubblikament dwar l-abbozz tal-proposta inkluż fid-Dokument ta' Diskussjoni CP/EBA/2018/03.

Il-perjodu ta' konsultazzjoni dam għal tliet xhur u ntemm fis-17 ta' Lulju 2018. B'kollox waslu 13-il risposta, li 11 minnhom ġew ippubblikati fuq is-sit web tal-EBA.

Sommarju tal-punti ewlenin u kummenti oħra li jirriżultaw mill-konsultazzjoni, analiżi u diskussjoni xprunati minn dawn il-kummenti, u l-azzjonijiet li ttieħdu biex dawn jiġu indirizzati jekk jitqies meħtieġ huma pprovduti fit-tabelli t'hawn taħt.

Fil-maġġoranza tal-każijiet, diversi korpi tal-industrija għamlu kummenti simili, jew l-istess korp irrepeta l-kummenti tiegħu fir-risposti tiegħu għal mistoqsijiet differenti. F'tali każijiet, il-kummenti u l-analiżi tal-EBA ġew inklużi fit-taqsima ta' dan id-dokument fejn l-EBA tqis li dawn huma l-aktar xierqa.

Ġew inkorporati tibdiliet fl-abbozz tal-linji gwida bħala riżultat tar-rispons li wasal matul il-konsultazzjoni pubblika.

## Sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin u r-rispons tal-EBA

Il-kummenti li waslu matul il-perjodu ta' konsultazzjoni qajmu dubju dwar l-għażla taż-żmien tal-linji gwida. Dawn qiesu li jew il-linji gwida jaslu tard wisq wara l-ħruġ (fl-2013) tal-mandat fl-Artikolu 128(3) tas-CRR jew li l-linji gwida se jipprevjenu (i) l-implimentazzjoni li jmiss mill-UE tal-qafas Basel III rivedut, li ma jinkludix il-klassi ta' skoperturi regolatorji "Elementi assoċjati ma' riskju partikolarment għoli", u (ii) l-emendi possibbli għall-Artikolu 128 fil-kuntest tas-CRR2. L-EBA tqis li l-interazzjoni mal-iskeda taż-żmien tar-reviżjonijiet regolatorji li jmiss mal-qafas attwali hija inevitabbli, iżda diffiċli biex tiġi prevista fir-rigward tal-għażla taż-żmien, u b'hekk hija meħtieġa gwida dwar it-trattament tal-iskoperturi attwali assoċjati ma' riskju għoli. Dawn il-linji gwida mhux se jippermettu biss livell għoli ta' komparabbiltà fir-rigward tal-prattiki attwali biex jiġu identifikati skoperturi assoċjati ma' riskju għoli, iżda se jiffaċilitaw ukoll it-tranżizzjoni lejn ir-reviżjonijiet regolatorji li jmiss, billi l-banek u s-superviżuri se jitħallew jużaw il-linji gwida biex jidentifikaw fatturi ta' riskju li huma konformi mal-qafas futur ta' Basel.

Diversi rispondenti qajmu tħassib dwar id-definizzjoni u t-trattament prudenzjali tal-finanzjament tal-proprjetà immobbli spekulattiva, minkejja l-fatt li d-Dokument ta' Diskussjoni jissottolinja l-fatt li din it-tip ta' skopertura ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-linji gwida, peress li din it-tip ta' skopertura diġà ġiet inkluża fl-Artikolu 128(2) tas-CRR. Id-deċiżjoni tal-EBA li teskludi l-finanzjament tal-proprjetà immobbli spekulattiva mil-linji gwida saret abbażi tal-kunsiderazzjoni li s-CRR diġà jipprovdi definizzjoni ta' dan. Barra minn hekk, dan huwa qasam li fih huma previsti tibdiliet sostanzjali fil-qafas ta' Basel III u għalhekk jista' jwassal biex jew jipprevjeni l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' Basel III jew joħloq ir-riskju ta' implimentazzjoni inkonsistenti mal-ftehim futur ta' Basel III. Minkejja dan, l-osservazzjonijiet ipprovduti mill-industrija se jiġu vvalutati bir-reqqa matul id-dibattitu li għaddej bħalissa fl-EBA dwar dan is-suġġett.

Matul il-perjodu ta' konsultazzjoni, waslu kummenti minn rispondenti li ma qablux mal-inklużjoni tal-kunċett tal-ewkità privata u tal-kapital ta' riskju fil-linji gwida. Ir-rispondenti saħqu fuq il-punt li, bħala t-tieni l-aħjar soluzzjoni, id-definizzjoni tal-ekwità privata u tal-kapital ta' riskju għandha tapplika biss għall-investimenti diretti tal-banek u għandha teskludi l-investimenti kollha fil-forma ta' ishma jew unitajiet f'CIU. Barra minn hekk, ġie ddikjarat li d-definizzjonijiet għandhom jiġu allinjati ma' dawk ipprovduti mill-qafas ta' Basel III u, b'mod partikolari, mal-iskoperturi mhux elenkati spekulattivi u dejn, kapital u skoperturi ta' ekwità subordinati oħra (paragrafi 50-53). F'konformità mal-prerogattivi tagħha, l-EBA ħadet l-inizjattiva li tipprovdi, għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida biss, definizzjoni tal-kunċetti ta' ekwità privata u tal-kapital ta' riskju. Dan il-pass ittieħed preċiżament minħabba n-nuqqas

ta' gwida disponibbli għall-pubbliku dwar dawn il-kunċetti u minħabba li d-definizzjonijiet huma meqjusa meħtieġa biex tiġi pprovduta gwida u tiġi żgurata l-armonizzazzjoni fir-rigward tat-tipi ta' skoperturi li huma meqjusa bħala investimenti f'kapital ta' riskju u f'ekwità privata. Barra minn hekk, l-EBA tikkjarifika li d-definizzjonijiet japplikaw għal investimenti diretti u kull meta jintuża l-approċċ taċ-ċar kristall għall-iskoperturi fil-forma ta' ishma jew unitajiet f'CIUs, f'konformità mat-tweġiba pprovduta mill-Kummissjoni għall-Mistoqsija u Tweġiba 2013_374.

Il-maġġoranza tal-kummenti li saru fir-rigward tad-Dokument ta' Diskussjoni indirizzaw il-kwistjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-linji gwida, filwaqt li r-rispondenti ppreżentaw opinjonijiet eteroġeni dwar jekk il-linji gwida għandux ikollhom opinjoni usa' jew aktar stretta fir-rigward tal-klassijiet tal-iskoperturi li għandhom jiġu analizzati matul l-identifikazzjoni tal-iskoperturi assoċjati ma' riskju għoli. Fid-dawl ta' dawn il-kummenti, l-EBA emendat it-taqsima 4.2 tal-linji gwida biex tipprovdi lill-istituzzjonijiet skema ta' identifikazzjoni aktar ċara u olistika għal skoperturi assoċjati ma' riskju għoli. Dan huwa f'konformità mal-mandat mogħti lill-EBA permezz tal-Artikolu 128(3) tas-CRR. Dan iqis ukoll evidenza empirika fir-rigward tal-funzjonament tal-istituzzjonijiet finanzjarji. Bħala riżultat, il-loġika sottostanti tat-taqsima 4.2 hija din li ġejja: (i) il-paragrafu 3 jippreżenta l-kamp ta' applikazzjoni ta' dak li jkopri dan l-eżerċizzju (il-klassijiet ta' skoperturi kollha) b'xi enfasi fuq xi oqsma speċifiċi; (ii) il-paragrafu 4 jippreżenta l-kriterju ġeneriku ta' meta skopertura titqies li hija assoċjata ma' riskju għoli; (iii) il-paragrafu 5 juri każijiet speċifiċi li fihom il-kriterju ġeneriku se jitqies li ġie ssodisfat; u (iv) il-paragrafu 6 jippreżenta każijiet speċifiċi oħra li fihom il-kriterju ġeneriku se jitqies li ġie ssodisfat, li huma speċifiċi għall-klassi tal-iskopertura ta' ekwità.

Ir-rispondenti tad-Dokument ta' Diskussjoni qajmu dubju dwar l-introduzzjoni tal-mekkaniżmu ta' notifika, iżda l-EBA ddeċidiet li żżommu. Dan il-mekkaniżmu jkun utli mill-perspettiva li jiġi mifhum liema skoperturi residwi jistgħu jiġu assoċjati ma' riskju għoli iżda li ma jkunux ġew identifikati permezz tal-passi preċedenti pprovduti fil-linji gwida. Madankollu, id-destinatarji tan-notifiki għandhom ikunu l-NCAs u mhux l-EBA direttament. It-test legali ġie emendat kif xieraq. Sussegwentement, kwalunkwe tali notifika għandha tintbagħat lill-EBA, ladarba tkun ġiet implimentata s-soluzzjoni teknika għal dan.